

## **Informazzjoni dwar is-segwitu tal-ilment irregjistrat bir-referenza CHAP(2013)2870 – Abbuż possibbli ta’ kuntratti suċċessivi b’terminu fiss fis-setturi pubbliku Taljan – aġġornament ta’ Novembru 2021**

Il-Kummissjoni Ewropea tirreferi għas-sensiela ta’ lmenti li rċeviet rigward l-abbuż possibbli ta’ kuntratti suċċessivi għal terminu fiss fis-settur pubbliku Taljan.

L-impiegati kkonċernati huma:

- il-persunal impiegat fil-fondazzjonijiet Taljani operatiċi u orkestrali;
- il-kuntratti għal terminu fiss konklużi mal-għalliema u mal-persunal awżiljarju amministrattiv u tekniku (“persunal tal-ATA”) sabiex jimtlew postijiet tax-xogħol battala temporanji;
- il-kuntratti għal terminu fiss konklużi mal-persunal tal-kura tas-saħħha, inklużi l-manigħers, fis-Servizz tas-Saħħha Nazzjonali;
- il-kuntratti għal terminu fiss konklużi mal-ħaddiema fl-edukazzjoni għolja tal-arti, tal-mużika u taż-żfin (“AFAM”) li ġħalihom l-awtorità ta’ sorveljanza hija l-Ministero dell’Istruzione Università e Ricerca (“MIUR”), il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Universitajiet u r-Riċerka;
- il-kuntratti għal terminu fiss konklużi f’konformità mal-Liġi Nru 240 tat-30 ta’ Diċembru 2010. Il-Liġi Nru 240 tat-30 ta’ Diċembru 2010 fiha regoli b’rabta mal-organizzazzjoni tal-universitajiet, mal-persunal akademiku u mar-reklutaġġ tiegħu;
- ir-relazzjonijiet ta’ impieg bejn l-impiegaturi agrikoli u l-ħaddiema għal terminu fiss, kif definit mill-Artikolu 12, is-subparagrafu 2 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 375 tal-11 ta’ Awwissu 1993;
- is-sejħiet għall-persunal volontarju fil-korp nazzjonali tat-tifi tan-nar.

Il-Kummissjoni eżaminat il-liġi Taljana rigward il-konformità tagħha mal-klawżola 4 u mal-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas u waslet għall-konklużjoni li mhijiex konformi ma’ dawn id-dispożizzjonijiet. Għalhekk il-Kummissjoni bagħtet ittra ta’ intimazzjoni lill-Italja fis-17 ta’ Lulju 2019. Għal aktar informazzjoni dwar din il-proċedura, il-Kummissjoni tirreferi għall-istqarrija għall-istampa tagħha tal-25 ta’ Lulju 2019<sup>1</sup>.

Fit-3 ta’ Diċembru 2020, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta’ intimazzjoni supplimentarja lill-Italja għaliex l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Italja fit-tweġibet tagħha għall-ittra ta’ intimazzjoni inizjali ta’ Lulju 2019 ma kinux sodisfaċenti.

L-Italja wieġbet għall-ittra ta’ intimazzjoni addizzjonali, iżda xi kwistjonijiet baqgħu mhux ċari. Għalhekk, saret laqgħa ta’ segwitu mal-awtoritajiet Taljani fis-sajf tal-2021. Wara dik il-laqgħa, fil-ħarifa tal-2021 l-awtoritajiet Taljani ppreżentaw tweġiba oħra għall-ittra ta’ intimazzjoni addizzjonali.

L-analiżi ta’ dik it-tweġiba għadha għaddejja.

Il-Kummissjoni tista’ toħroġ opinijni motivata jekk l-ilmenti kollha jew uħud minnhom jibqgħu mhux solvuti.

<sup>1</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/inf\\_19\\_4251](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/inf_19_4251)

L-ilmentaturi se jinżammu infurmati mill-Kummissjoni, permezz ta' dan is-sit web<sup>2</sup>, dwar kwalunkwe segwitu li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħmel għal din il-proċedura ta' ksur.

---

<sup>2</sup> [https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/contact/problems-and-complaints/how-make-complaint-eu-level/joining-similar-complaints/decisions-multiple-complaints\\_mt](https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/contact/problems-and-complaints/how-make-complaint-eu-level/joining-similar-complaints/decisions-multiple-complaints_mt)